MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 9/2006

**Fortunato Farrugia.**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamata fil-kawza Adelina Cini.**

**(DECIZA** mill-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar nhar is-27 ta' Settembru 2006) **PAB156/04 TSC**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Fortunato Farrugia u martu Jane Farrugia datat 12 ta' Ottubru 2006 a fol. 2 tal-process fejn esponew:-

1. Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

Fit-28 ta' Mejju 2004 inhareg permess ghall-izvilupp favur il-kjamata fil-kawza Adelina Cini mill-awtorita' appellata u dan sabiex jittella' hajt divizorju u sabiex tigi sanata r-rikostruzzjoni ta' *store*.

Illi minn dan l-ghoti tal-permess sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-20 ta' Gunju 2004.

2. Illi b'decizjoni datata 27 ta' Settembru 2006, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-appell ta' l-appellanti odjern u kkonferma l-hrug tal-permess PA5468/96 mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp skond il-kondizzjonijiet minnha mposti.
3. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati b'din d-decizjoni u minnha qeghdin jitolbu appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell *a tenur* tal-Artikolu 15 tal-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp.

4. Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

**L-EWWEL AGGRAVJU.**

5.1. In-nullita' tad-decizjoni li minnha qieghed isir appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

5.2. Illi fl-appell li sar fl-20 ta' Gunju 2004 hemm imnizzel hekk:-

*"Qed inressaq dan l-appell kontra l-hrug tal-permess "to sanction the replacement of roof and to store room at the back and raising of party wall". Dan il-permess huwa datat 28 ta' Mejju 2004, u li wasal ghand il-Perit Joseph P. Dimech fit-3 ta' Gunju 2004. L-appellanti huma Mr. Fortunato Farrugia u martu Jane, ta' Yorkville, Triq Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex".*

5.3. Illi ghalhekk meta sar l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, dan sar minn Fortunato Farrugia u martu Jane Farrugia. Issa rrizulta illi fl-okkju tad-decizjoni tal-Bord jissemma' biss Fortunato Farrugia. Jane Farrugia ma tirraffigura mkien.

5.4. Illi ghalhekk, din id-decizjoni hija nulla u bla effett l-ghaliex ghalkemm kien sar minn zewg persuni, jirrizulta li din id-decizjoni nghatat fil-konfront ta' persuna wahda biss u cjoe' Fortunato Farrugia.

5.5. Illi zgur li ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex is-setgha li tordna li tirranga sentenza li tkun inghatat minn Qorti ohra (f'dan il-kaz il-Bord) bhal ma huwa dan il-kaz. Il-Bord halla barra persuna u din l-Onorabbli Qorti, bl-akbar rispett ma tistax tordna li tidhol fl-okkju tal-kawza persuna li tkun thalliet barra.

5.6. Illi ghalhekk ir-rimedju f'dan il-kaz huwa li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Bord ta' l-Appelli.

5.7. Illi ghalhekk dan huwa l-punt ta' ligi li jaghti kompetenza lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, l-appellanti filwaqt li jaghmlu referenza ghad-dokumenti, sottomissjonijiet u xhieda li ngiebu quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u jirrizervaw li jgibu dawk id-dokumenti u xhieda u jaghmlu sottomissjonijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jitolbu umilment illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-27 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet "Fortunato Farrugia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamata fil-kawza Adelina Cini bhala irrita u nulla u konsegwentement tibghat l-atti lura lill-Bord ta' l-Appell halli jigi deciz skond il-ligi. Fin-nuqqas tirrevoka d-decizjoni hawn imsemmija u konsegwentement tordna li ma jinharigx il-permess relattiv, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

Rat id-dokumenti esebiti mar-rikors ta' l-appell;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2006 a fol. 15 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Fortunato Farrugia vs**

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u Adelina Cini”** deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp datata 6 ta’ Frar 2007 a fol. 22 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

__L-EWWEL AGGRAVJU.__

1. Illi dan l-aggravju jittratta fuq punt ta’ ligi li qatt ma gie dibattut jew deciz quddiem il-Bord u ghalhekk ghandu jigi michud ghaliex mhux qed isir a bazi ta’ l-artikolu 15 tal-Att I tal-1992. Illi l-Awtorita’ esponenti tixtieq tippremetti preliminarjament illi hija konxja taz-zewg decizjonijiet ta’ din l-Onorabbli Qorti bl-ismijiet Louise Ann Sultana u Joseph Zammit *et noe*. li t-tnejn l-appell gie rimandat lura quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi bir-rispett kollu dan l-appell huwa differenti mill-appelli hawn citati. Dan l-appell jittratta fuq allegat zball f’okkju billi ma tnizzlitx il-mara tal-istess Fortunato Farrugia. Illi jekk din l-Onorabbli Qorti tara l-process tal-Bord ta’ l-Appell, tara n-notifiki mill-Bord saru lil Fortunato Farrugia biss u mhux lill-mara tieghu u meta sar ir-rikors minn Dr. Anton Refalo ghall-appellanti, dan kiteb hdejn l-isem l-appellant “Fortunato Farrugia’ u xejn aktar. Ghaldaqstant, anke jekk ghal grazzja tal-argument dan huwa zball li hekk jidher li hu, dan jista’ jigi ssanat minhabba l-fatt li gie tacitament ammess mill-appellant stess meta l-anqas qajjem dan il-fatt quddiem l-istess Bord meta dan kien ovvju f’dawk il-proceduri. Kien ghalhekk jinkombi fuq l-appellant li jigbed l-attenzjoni tal-Bord fuq dak l-izball u mhux konvenjentement iqajmu f’dan l-istadju sabiex ikollu cans ta’ appell.

Illi fattur iehor a favur tat-tezi tal-Awtorita’ esponenti li dan l-izball jigi ssanat minn din l-Onorabbli Qorti hu li jekk wiehed jara d-definizzjoni ta’ “owner” fl-Att I tal-1992, hemm imnizzel li din il-kelma tfisser “any one of the spouses”.

Ghaldaqstant din l-opinjoni tal-esponenti li tali zball ghandu jigi ssanat minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn premessi.

**<u>IT-TIENI AGGRAVJU.</u>**

2. Illi skond l-appellant il-Bord kellu jissopprassjedi milli jisma' il-proceduri quddiemu sakemm tigi deciza kawza kriminali/civili bejn persuni li l-MEPA ma hijiex parti minnhom. Illi bir-rispett kollu, ma johrog minn imkien illi f'eventwalitajiet bhal dawn, il-Bord ta' l-Appelli ghandu jissoprassjedi. Kif qal ben tajjeb l-appellant, kieku l-appellant jirbah il-proceduri kriminali tali zvilupp ma jsirx ( u mhux ma jinghatax). Tali permess ta' Adelina Cini nghata u dan hareg "saving third party civil rights" , u ghalhekk il-Bord huwa marbut b'din il-klawsola, illi jekk jigri xi haga, il-partijiet involuti ghandhom jiggieldu bejniethom.

Illi *di piu'* hemm numru ta' permessi li jinhargu meta jkun ghad jifdal jinghataw xi permessi ohra minn entitajiet ohra. U allahares ma jkunx hekk, ghaliex il-MEPA tkun marbuta minn dawk il-permessi l-ohra qabel ma tohrog taghha, meta hi stess tkun marbuta bi skadenzi legali. Illi ghal dan il-ghan, dan l-aggravju ma jsibx sostenn legali u ghandu jigi michud.

**<u>IT-TIELET AGGRAVJU.</u>**

3. Illi preliminarjament dan l-aggravju mhux qed isir minn punt ta' xi ligi izda wiehed ta' interpretazzjoni ta' *"policies"* tal-ippjanar u ghal dan il-ghan ghandu jigi michud. Izda madanakollu, u fil-meritu tieghu, l-appellant qed jghid illi l-Bord messu ghamel xi haga meta ra li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligijiet sanitarji u li hu ma kienx mismugh u mbaghad jghid illi hu dejjem kien mismugh mill-MEPA u mhux mill-General Services Board (li bir-rispett kollu mhix il-MEPA).

Illi l-Bord tal-Appell fid-decizjoni tieghu kien car bizzejjed u dahal fl-aggravji tal-appellant wiehed wiehed, tant hu hekk illi ta ragunijiet validi ghaliex huwa ma dahalx fid-decizjoni

tal-General Service Board meta ta dik il-koncessjoni lil Adelina Cini. Illi l-Bord ukoll ghamilha cara illi meta ezamina l-*policies* tal-Ippjanar, huwa ma ra xejn li l-izvilupp imur kontra xi *policies* u ghaldaqstant dan l-aggravju gie ndirizzat mill-Bord u ghalhekk ma jistax jigi mqajjem f'dan l-istadju.

**<u>IR-RABA' AGGRAVJU.</u>**

4. Illi meta wiehed jigi biex jottjeni permessi mill-MEPA meta jkun hemm *in vigore enforcement*, tigi applikata Circular 2/96 (u cjoe' l-permess ma johrogx) meta dik l-enforcement tolqot is-sit mertu ta' dik l-applikazzjoni. Mela l-Bord ta' l-Appelli ma ghawweg xejn ir-regoli kif qed jallega l-appellant izda applika l-*policies* tal-ippjanar kif jghidulu l-ligijiet stess. Illi jekk wiehed jara il-PA5468/96 *(erection of stairs and washroom)* li hu l-permess mahrug lil Adelina Cini, hemm specifikat fl-applikazzjoni ghal liema proprjeta' qed jirreferi u cjoe' 61, Triq il-Madonna tac-Cicri u mhux siti ohra. Illi ghaldaqstant, anke' dan l-aggravju ma hux qed isir minn punt ta' ligi u ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata 27 ta' Settembru 2006 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellant Fortunato Farrugia u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tas-27 ta' Settembru 2006 bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat ir-risposta ta' Adelina Cini datata 10 ta' Novembru 2006 fejn sostniet:-

1. Illi d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija gusta u timmerita konferma.

2. Illi l-appellanti bbazat l-appell taghha fuq erba' aggravji.

**L-Ewwel Aggravju.**

3. Illi dwar l-Ewwel Aggravju l-appellanti stess jindikaw li r-rimedju minnhom mitlub huwa li l-atti jigu rinvjati lura lill-Bord billi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex is-setgha li tordna li tirranga d-decizjoni moghtija mill-Bord. Jekk dan huwa minnu (u l-esponent ma taqbilx ma din is-sottomissjoni) allura l-appell odjern huwa null *stante* li l-okkju wzat huwa l-istess bhal dak uzat mill-Bord.

4. Indipendentement u bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellant messu sempliciment ghamel rikors fl-atti tal-appell u talab il-korrezzjoni hemmhekk. Dan naturalment m'ghamlux ghaliex l-interess tal-appellant huwa iehor – senjatament dak li jattakka l-hrug tal-permess bhala tali u mhux li l-proceduri jigu segwiti!

**It-Tieni Aggravju.**

5. Dwar dan l-aggravju l-esponenti ma jaqbilx sempliciment ghal raguni wahda – jekk il-Bord kellu jaccetta t-talba ghal soprasessjoni kien ikun qed jimplicita' xi forma ta' gurisdizzjoni fuq il-General Services Board (GSB), meta l-ligi stess tghid li l-Bord tal-Appelli ma ghandux gurisdizzjoni. *Per di piu`* hawnhekk *si tratta* ta' sitwazzjoni semplici ta' sanar (ghalhekk jezisti l-GSB).

6. Irid jinghad ukoll li l-Bord mexa korrettament billi l-permess odjern ma kienx jiddependi mill-GSB.

**It-Tielet Aggravju.**

7. Bir-rispett kollu dovut l-esponenti ma fehemx dan l-aggravju salv li fih l-appellanti tghid li l-permess mhux suppost inhareg.

**Ir-Raba' Aggravju.**

8. Dwar dan l-aggravju l-Bord ta' l-Appell kien car daqs il-kristall – kull permess jinhareg saving *third party rights.* Dan l-aggravju huwa bbazat fuq kwistjonijiet civili. L-ilmenti tal-appellanti f'dan l-aggravju (u deher ukoll tul l-appell kollu) huma biss kwistjonijiet civili u ghandhom

jibqghu hekk. Din il-Qorti m'ghandhiex dritt tezamina dan l-aggravju billi huwa bbazat fuq kwistjonijiet civili ta' bejn girien u mhux aspetti ta' Ligi ta' l-Ippjanar.

Ghalhekk filwaqt li l-esponenti taghmel riferenza ghall-atti kollha tal-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u tirriserva li ggib dawk il-provi u taghmel sottomissjonijiet permessi skond il-ligi, titlob li dan l-appell jigi respint *in toto* bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra r-rikorrenti stess.

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Marzu 2007 u tad-9 ta' Mejju 2007 fejn l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-ewwel aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet "**Fortunato Farrugia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamata fil-kawza Adelina Cini"** tas-27 ta' Settembru 2006 hija nulla u bla effett u dan peress li l-okkju ta' l-istess decizjoni huwa zbaljat, u peress li l-appell sar minn Fortunato u Jane Farrugia, mentri fid-decizjoni hemm imsemmi biss l-isem ta' Fortunato Farrugia. B'hekk dan jimporta n-nulita' ta' l-istess decizjoni bil-konsegwenza li l-atti ghandhom jigu rinvjati lil Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex tisma' l-kaz skond il-ligi.

Illi min-naha taghha l-Awtorita' appellata sostniet li dan il-punt mhux appellabbli quddiem din il-Qorti peress li l-istess qatt ma gie trattat quddiem il-Bord u ghalhekk ma sarx skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356.**

Illi din il-Qorti thoss li din is-sottomissjoni hija kompletament zbaljata u dan peress li l-ismijiet tal-partijiet

fil-kawza, u ghalhekk l-okkju tal-kawza, hija parti sostanzjali mill-istess sentenza, u l-fatt biss li fl-istess decizjoni nghatat f'isem persuna u mhux f'isem ohrajn tant li ma gewx citati persuni ohra, (jekk dawn verament kienu parti fl-istess proceduri) jifforma bazi ta' dritt li hemm appell minnu quddiem din il-Qorti skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356,** u dan kif gie deciz f'diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati, u dan minhaba li l-ismijiet ta' parti fil-kawza huwa fattur importantissimu fin-natura tas-sostanza ta' kull decizjoni, inkluza dik tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, iktar u iktar meta decizjoni taghmel stat biss bejn il-partijiet. Dan huwa fil-fatt li jiddetermina li dan huwa punt ta' dritt, li allura hemm appell minnu quddiem din il-Qorti.

Illi mhux hekk biss izda din il-Qorti ma tistax lanqas taccetta s-sottomissjoni ta' l-Awtorita' appellata u dan ghaliex ovvjament l-istess okkju hekk indikat ta' kull decizjoni (inkluz dik odjerna) bilfors ifisser li l-istess Bord bl-imsemmija ndikazzjoni – iddettermina min huma l-partijiet fil-kawza u b'hekk necessarjament ta decizjoni fuq l-istess punt, b'dan li l-ewwel eccezzjoni *da parte* ta' l-Awtorita' appellata qed tigi michuda ghaliex kompletament bla bazi. Fil-fatt sabiex ghamel l-istess okkju l-istess Bord individwalizza min huma l-partijiet fil-kawza u ghalhekk dan il-punt gie effettivament ikkonsidrat mill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u *in verita'* ma jistax ikun mod iehor.

Illi din il-Qorti thoss li ghal dak li sostnew l-appellanti skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hemm diversi decizjonijiet li jsostnu li anke jekk hemm qbil bejn il-kontendenti li hemm zball fl-ismijiet tal-partijiet fl-okkju tad-decizjoni tal-Bord, tali zball ma jistax jigi rrangat minn din il-Qorti, izda d-decizjoni ghandha tigi annullata u l-atti rinvjati lil Bord ta' l-Appell sabiex tinghata decizjoni skond il-ligi. Hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Joseph Zammit vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Ottubnru 2004) u **"Louise Anne Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Rik. Nru. 277A/96, deciza fl-

14 ta’ April 1997). Illi f’din id-decizjoni, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet illi:-

*“Ladarba d-decizjoni appellata ma gietx ippronunzjata fil-konfront tal-appellant fil-kapacita’ li biha nterponiet l-appell u li biha dehret fil-kawza, cjoe’ ghan-nom ta’ socjeta’ ……, allura l-uniku rimedju disponibbli huwa li l-istess decizjoni tigi annullata u l-kaz jintbaghat lura lill-imsemmi Bord sabiex jirregola ruhu”;*

Illi fil-fatt fis-sentenza **“Elisa sive Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe”** (P.A. 26 ta’ Gunju 1957) intqal hekk:-

*“Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta’ wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta’ wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita’ ta’ dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200).”*

Illi hemm ukoll is-sentenza **“Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe”** (P.A. 10 ta’ Dicembru 1963) li nghad ukoll:-

*“…illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta’ xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita’ tal-attijiet u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza.”*

Illi mbaghad fid-decizjoni **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (Appell, 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem tal-attur, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet:-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio inkwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ <u>dawk</u> il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa*

*identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat";*

*"Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba** deciza fl-4 ta' Mejju, 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :-*

*'…din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta' li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat <u>wara</u> s-sentenza ta' l-ewwel istanzi imma din il-fakolta' ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha" (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta' Dicembru, 1990 fl-ismijiet **Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt** u s-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja,** ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Marzu, 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995; is-subinciz 2 ta' l-artikolu 175 infatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti ta' l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. Una volta dawk il-partijiet ma kienux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata".*

Illi wkoll fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001) il-kwistjoni kienet simili ghall-vertenza odjerna u hemm l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenza gja` citata moghtija fl-14 ta' April 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettament identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi rettifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar inghatat kontra Joseph u Victor Zammit personalment meta jirrizulta car mill-atti ta' l-istess appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li huma kienu qed jagixxu ghan-nom tas-socjeta' Mira Estates Limited. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi s-socjeta' ghandha ezistenza guridika separata u distinta minn dawk ta' Joseph u Victor Zammit li huma persuni fizici u kwindi l-ommissjoni u l-izball li sar min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-istess decizjoni ma jistax jitqies li huwa sempliciment xi dettal marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza."*

Illi *inoltre'* l-**artikolu 175 (2) tal-Kap.12** jghid hekk:-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista', sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi meta ikun hemm dan it-tip ta' zball fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ovvjament din taffetwa min kienu l-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali tip ta' zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha

u jista' biss jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li jipprovdi l-**artikolu 175 (2)** jirreferi ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' prim'istanza, u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz il-mertu ta' l-appell odjern. Hawn fil-fatt jittratta dwar zball li ma jirrispekjax min kienu l-partijiet fil-kawza b'dan li wkoll ibiddel jew inkella ma jirriflettix l-identita' tal-persuni li pprezentaw l-appell taghhom quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u *in effetti* dan it-tip ta' zball jaffettwa s-sostanza proprja tad-decizjoni moghtija, u tali korrezzjoni ma tistax u *in verita'* ma ghandhiex issir hlief mill-istess Qorti jew organu li jkun ta l-istess decizjoni, iktar u iktar meta jkun hemm il-konflitt bejn l-istess partijiet.

Illi dwar l-eccezzjoni mqajma mill-kjamat fil-kawza dwar l-ewwel aggravju, din hija bla bazi, u dan peress li l-appell irid u jista' jsir fl-okkju tas-sentenza deciza mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u dan peress li l-appell kien qed isir propju mill-istess decizjoni, li fil-fatt hija l-unika decizjoni li effettivament tezisti. (**"Catherine Ripard vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004).

Illi mill-atti relattivi fil-file tal-Bord ta' l-Appell jirrizulta bla ebda dubju li l-appell maghmul kontra l-Hrug tal-permess PA 05468/96 sar minn Fortunato Farrugia u martu Jane tant li jinghad:-

*"Qed inressaq dan l-appell kontra l-hrug tal-permess "to sanction the replacement of roof and to store room at the back and raising of party wall". Dan il-permess huwa datat 28 ta' Mejju 2004, u li wasal ghand il-Perit Joseph P. Dimech fit-3 ta' Gunju 2004. L-appellanti huma Mr. Fortunato Farrugia u martu Jane, ta' Yorkville, Triq Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex".*

Illi mill-formula tal-hlas ta' l-appell datata 10 ta' Jannar 2004 jirrizulta li din saret ukoll f'isem l-istess konjugi Farrugia, u l-fatt li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jidher

li dejjem iccita biss isem l-appellant Fortunato Farrugia ma jbiddel xejn mill-fatt li l-persuni li ghamlu l-appell kienu kemm Fortunato Farrugia u kemm martu Jane. Dan in-nuqqas ifisser li fil-verita' l-appell ta' Jane Farrugia ma giex deciz, ghaliex kif inghatat id-decizjoni hija ma ssemmietx u ma gietx ikkunsidrata.

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju li kienu l-appellanti Fortunato u Jane Farrugia li ghamlu dan l-appell anke quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tant li l-kjamata fil-kawza, fis-sottomissjonijiet taghha stess quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar permezz ta' korrispondenza datata 14 ta' Lulju 2004 irrispondiet proprju ghall-*"appell minn Fortunato Farrugia u martu Jane".*

Illi wkoll fir-risposta ta' l-Awtorita' stess datata 25 ta' Gunju 2004 quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar issir referenza li *"l-istess appellanti m'ghandhomx interess guridiku biex jappellaw mill-hrug ta' permess kif titlob il-ligi stante li l-ilment taghhom hi kwistjoni li qed tigi rrizervata (3rd party rights) u mhux deciza fil-permess".* Dan il-kliem juri li kien hemm iktar minn appellant wiehed – tant li l-appell ma sarx minn Fortunato Farrugia biss izda wkoll minn Jane Farrugia.

Illi dan ma jhalli l-ebda dubju li l-appellanti kienu kemm Fortunato Farrugia u Jane Farrugia, u ladarba d-decizjoni nghatat biss f'isem Fortunato Farrugia dan irrendi l-istess decizjoni nulla u bla effett, u ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellanti u ghalhekk tiddikjara n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Bord.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha datata 6 ta' Frar 2007 in kwantu inkonsistenti ma' dak premess, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-kjamata fil-kawza fir-risposta taghha datata 10 ta' Novembru 2006 in kwantu

inkonsistenti ma' dak premess **tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appell interpost mill-appellanti** fir-rikors ta' l-appell taghhom datat 12 ta' Ottubru 2006 u b'hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 27 ta' Settembru 2006 fl-ismijiet **"Fortunato Farrugia vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamata fil-kawza Adelina Cini"** u b'hekk tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta' din id-decizjoni .

Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell kontra l-Awtorita' appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------